



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Marzu 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0053(NLE)

7450/24
ADD 4

AELE 16
EEE 10
ISL 9
N 17
FL 11
PECHE 98

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 96 final ANNEX 4
Suġġett:	Anness 4 tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 96 final ANNEX 4.

Mehmuż: COM(2024) 96 final ANNEX 4



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2024
COM(2024) 96 final

ANNEX 4

ANNESS

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda

DOKUMENT MEHMUŻ IV

**PROTOKOLL ADDIZZJONALI TAL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ
EKONOMIKA EWROPEA U R-RENJU TAN-NORVEĠJA**

L-UNJONI EWROPEA

u

R-RENJU TAN-NORVEĠJA

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ffirmat fl-14 ta' Mejju 1973, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”, u l-arranġamenti eżistenti għall-kummerċ tal-ħut u prodotti tas-sajd bejn in-Norveġja u l-Komunità,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-perjodu 2014-2021 għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

IDDEĊIDEW LI JIKKONKLUDU DAN IL-PROTOKOLL:

ARTIKOLU 1

- (1) Id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw min-Norveġja huma stabbiliti f'dan il-Protokoll u fl-Anness tiegħu.
- (2) Il-kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju huma stabbiliti fl-Anness ta' dan il-Protokoll. Dawn il-kwoti għandhom ikopru l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2021 sat-30 ta' April 2028. Il-livelli tal-kwoti għandhom jiġu riveduti sa tmiem il-perjodu filwaqt li jitqiesu l-interessi rilevanti kollha.

ARTIKOLU 2

- (1) Il-kwoti tariffarji għandhom jinfetħu mill-jum li fih issir effettiva l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll, skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 5.
- (2) L-ewwel kwota tariffarja għandha tkun disponibbli mid-data tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll sat-30 ta' April 2024. Mill-1 ta' Mejju 2024, il-kwoti tariffarji sussegwenti għandhom jiġu allokat i kull sena mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' April sa tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll.
- (3) Il-volumi tal-kwoti tariffarji li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2021 sal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll għandhom jiġu allokat i b'mod proporzjonali u jkunu disponibbli għall-bqija tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll.
- (4) F'każ li l-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1 ma jiġux eżawriti matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1, u f'każ li protokoll sussegwenti li jistabbilixxi kwoti tariffarji mingħajr dazju għall-istess prodotti ma jiġix applikat b'mod proviżorju, l-importazzjonijiet min-Norveġja jistgħu jsiru għall-bqija tal-volum akkumulat tal-kwota ta' dawk il-kwoti tariffarji sa sentejn wara tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1, iżda għal mhux aktar mill-applikazzjoni proviżorja ta' protokoll sussegwenti li jistabbilixxi kwoti tariffarji mingħajr dazju għall-istess prodotti.

ARTIKOLU 3

- (1) In-Norveġja għandha tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżgura l-kontinwazzjoni tal-arranġamenti li jippermettu t-tranżitu liberu tal-ħut u l-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art fin-Norveġja minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.
- (2) L-arranġament għandu japplika sa sentejn wara tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1, iżda għal mhux aktar mill-applikazzjoni proviżorja ta' protokoll sussegwenti.

ARTIKOLU 4

Ir-regoli tal-oriġini applikabbli għall-kwoti tariffarji elenkati fl-Anness ta' dan il-protokoll għandhom ikunu daww stabbiliti fil-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ffirmat fl-14 ta' Mejju 1973.

ARTIKOLU 5

- (1) Dan il-Protokoll għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika jew ta' approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Huwa għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara li jkun ġie ddepożitat l-aħħar strument ta' ratifika jew ta' approvazzjoni.
- (3) Sakemm jitlestew il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, dan il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu tal-aħħar notifika għal dan l-għan.

ARTIKOLU 6

Dan il-Protokoll, imħejji f'oriġinal wieħed bl-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Inġliż, Irlandiż, Kroat, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Taljan, Ungeriż, Żvediż u Norveġiż, bit-test f'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi ddepożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jibgħat kopja ċċertifikata lil kull waħda mill-Partijiet.

Magħmul fi Brussell, dan il-jum....tal-2024.

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Renju tan-Norveġja

ANNESS

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 TAL-PROTOKOLL

Flimkien mal-kwoti tariffarji mingħajr dazju permanenti eżistenti, l-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ il-kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju li ġejjin għall-prodotti li joriġinaw min-Norveġja:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Volum annwali (1.5-30.4) tal-kwota tariffarja f'piż nett sakemm mhux speċifikat mod ieħor ¹
0303 51 00	Aringi “clupea harengus, clupea pallasii”, iffriżati ²	25 000 tunnellata
0303 55 90	Sawrell “trachurus spp.”, iffriżat (minbarra sawrell komuni u sawrell taċ-Ċili)	5 000 tunnellata
0303 59 90	Kavalli tal-Indo-Paċifiku “rastrelliger spp.”, kavalli rjali “scomberomorus spp.”, karangidi, krevalli “caranx spp.”, pompi fiddien “pampus spp.”, kastardella tal-Paċifiku “cololabis saira”, sugarotti “decapterus spp.”, kapelin “mallotus villosus”, planti “sarda spp.”, marlini, pixxivela, pastardelli “istiophoridae”, iffriżati	
0303 69 90	Ħut iffriżat mill-familji bregmacerotidae, eulichthyidae, gadidae, macrouridae, melanonidae, merlucciidae, moridae u muraenolepididae (minbarra bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, pollakkju iswed, merluzz, merluzz tal-Alaska, stokkafixx, bakkaljaw polari, merlangu, pollakkju, grenadier ikħal u lipp)	
0303 82 00	Raj u rebekkini “rajidae”, iffriżati	
0303 89 90	Ħut, iffriżat, n.e.s.	
0304 86 00	Fletti tal-aringi “clupea harengus, clupea pallasii”, iffriżati	65 000 tunnellata
0304 99 23	Ġwienaħ u laħam “kemm jekk kapuljat kif ukoll jekk le” tal-aringi “clupea harengus, clupea pallasii”, iffriżati	
ex 0304 49 90	Fletti tal-aringi, friski jew imkessħin	

¹ Il-kwantitajiet għandhom jizziedu f'konformità mal-Artikolu 2, il-paragrafu 3 ta' dan il-Protokoll.

² Il-benefiċċju tal-kwota tariffarja ma għandux jingħata lill-merkanzija ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-perjodu bejn il-15 ta' Frar u l-15 ta' Ġunju.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Volum annwali (1.5-30.4) tal-kwota tariffarja f'piż nett sakemm mhux speċifikat mod ieħor ¹
0304 59 50	Ġwienaħ tal-aringi, friski jew imkessħin	
0309 10 00	Dqiq, frakass u pellets tal-ħut, tajbin għall-konsum mill-bniedem	1 000 tunnellata
1604 12 91 1604 12 99	Aringi, imħawrin u/jew ippreservati fil-ħall, fis-salmura	28 000 tunnellata netti mingħajr likwidi
1605 21 10 1605 21 90 1605 29 00	Gambli u gambli kbar, imqaxxin u ffriżati, ippreparati jew ippreservati	7 000 tunnellata
1604 11 00	Salamun, ippreparat jew ippreżervat, sħiħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljat	1 250 tunnellata
0305 41 00	Salamun, affumikat, inkluż fletti tal-ħut, għajr ġewwieni tal-laħam li jittiekel	2 500 tunnellata
0306 16 99 0306 17 93	Gambli tal-familja Pandalidae, iffriżati	1 000 tunnellata
0302 19 00 0302 22 00 0302 43 90 0302 59 20 0302 59 30 0302 81 15 0302 89 31 0302 91 00 0302 99 00	Ħut, frisk jew imkessaħ	5 100 tunnellata
0303 19 00 0303 53 90 0303 89 31 0303 89 39 0303 91 90 0303 99 00	Ħut, iffriżat	6 850 tunnellata

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Volum annwali (1.5-30.4) tal-kwota tariffarja f'piż nett sakemm mhux speċifikat mod ieħor ¹
0304 52 00 0304 73 00 0304 99 21 0304 99 99	Fletti tal-ħut friski, imkessħin jew iffriżati	3 600 tunnellata